MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## GIANNINO CARUANA DEMAJO

## ONOR. IMHALLEF

## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-6 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 856/2010/1

**Edwin Zarb u martu Emanuela sive Lilian Zarb**

**v.**

**Gilbert Spiteri u Chantelle Testa**

**Preliminari**

**1.** Dan huwa appell maghmul mill-konvenuti appellanti Gilbert Spiteri u Chantelle Testa minn sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fit-22 ta' Lulju 2011, li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet il-kawza billi cahdet l-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti u laqghet it-talbiet kollha attrici u pprefiggiet terminu ta' xahar ghall-fini tat-tieni talba. L-istess Qorti wkoll innominat lill-A.I.C. Robert Musumeci bhala espert tekniku li f'kull kaz ghandu jissorvelja x-xoghlijiet necessarji u ddikjarat illi l-ispejjez tal-kawza kienu a karigu tal-konvenuti.

**Ir-rikors promotorju**

**2.** Fir-rikors guramentat taghhom tas-27 ta' Awwissu 2010, l-atturi Edwin u Emanuela sive Lilian Zarb ippremettew:

> "1. Illi r-rikorrenti jirrisjedu fil-fond li jinsab appartament numru hamsa (5) numru disgha u disghin (99) Triq l-Imsida Santa Venera.
>
> "2. Illi fit-2 ta' Lulju 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Vanessa Bonnici l-intimati xtraw l-fond li jinsab numru sitta (6) fl-istess blokk liema fond kellu l-komunikazzjoni tal-ilma tat-tank tal-bejt tar-rikorrenti li kien fuq il-bejt tal-intimati u li l-komunikazzjoni mill-main tal-ilma tar-rikorrenti li kienet tghaddi mill-propjeta' tal-istess intimati kif jidher mill-anness ritratt Dok A.

"3. Illi bejn Lulju u Awissu ta' din is-sena, l-intimati qabdu u qacctu l-komunikazzjoni ezistenti tal-ilma ghal tali tank, u ghaddew kanen mal-hajt li jaghti ghal proprjeta tar-rikorrenti, u anke fic-cint divizorju u kkomunikaw l-istess kanen tal-ilma mal-main tal-ilma tar-rikorrenti, u dan kollu minghajr il-permess tal-istess rikorrenti kif jidher mill-annessi ritratti Dok B1 sa' Dok B3.

"4. Illi dawn ix-xogholijiet li saru mill-konvenuti jew gew ezegwiti fuq inkarigu taghhom jikkostitwixxu spoll tad-drittijiet tal-attur.

"5. Illi ghalkemm l-intimati gew interpellati sabiex jirripristinaw kollox fl-istat li kien qabel, l-intimati baqghu jinsistu li l-komunikazzjoni tat-tank tal-ilma tar-rikorrenti u l-komunikazzjoni tal-ilma tal-istess ssir fejn u kif iridu huma;

"6. Illi r-rikorrenti jafu b'dawn il-fatti personalment;

"7. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;"

**3.** L-atturi ghaldaqstant talbu lill-ewwel Qorti:

"1. Tiddikjara li l-konvenuti kkommettew spoll ghad-danni tal-atturi ghar-ragunijiet premessi;

"2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju jirriprestinaw l-komunikazzjoni kollha tat-tank tal-ilma tal-bejt u jergghu fl-istess pozizzjoni u komunikazzjoni fejn kienu qabel saru x-xogholijiet fuq inkarigu tal-istess konvenuti, u cioe jpoggu kollox fl-istat pristinu tieghu;

"3. Fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jaghmlu dawn ix-xogholijiet rimedjali u jpoggu kollox kif kien qabel, akkorrendo taht is-sorveljanza ta' "periti nominandi" ghas-spejjez tal-istess konvenuti u bl-awtorizzazzjoni tar-rikorrenti u

l-haddiema inkarigati minnhom biex jaccedu fil-fond tal-intimati biex ikunu jistghu jsiru tali xogholijiet.”

**Ir-risposta guramentata tal-konvenuti**

**4.** Permezz tar-risposta guramentata tad-29 ta’ Settembru 2010, il-konvenuti Gilbert Spiteri u Chantelle Testa eccepew:

“1. Illi fl-ewwel lok, l-azzjoni odjerna da parti tal-atturi saret ferm wara ix-xaharejn kif reklamat mill-atturi fir-rikors guramentat taghhom u ghalhekk l-element taz-zmien (tax-xaharejn) kif indikati fl-artikolu 535(1) tal-Kap 16 ma jreggix, u dan kif ser jigi pruvat tul is-smigh tal-kawza;

“2. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-konvenuti jinformaw lil din l-Onorabbli Qorti li huma xtraw u akkwistaw l-appartament sovrastanti fi stat semi finished minghand Raymond u Giuseppa sive Joyce konjugi Bonello skond kuntratt tan-Nutara Vanessa Bonnici tas-17 ta’ April 2008 markat u anness bhala **dokument GS 1**. Illi skond kif hemm miftiehem fil-kuntratt li sar bejn Raymond u Giuseppa sive Joyce konjugi Bonello fl-atti tan-Nutar Marco Farrugia datat is-17 ta’ April 2008 li kopja tieghu qieghed jigi hawn anness, u mmarkat bhala **dokument GS 2**, Raymond u Joyce konjugi Bonello kellhom obbligu li f’kull zmien u f’kull hin jaghtu provvista ta’ ilma mit-tank lill-istess atturi u wkoll ikun hemm f’kull hin u f’kull zmien provvista ghall-aerial. Illi minhabba dawn l-obbligi li talbu ghalihom l-atturi u li kienu ftiehmu ghalihom, skond l-istess kuntratt markat **dokument GS 2**, kellhom bil-fors isiru l-aggustamenti temporanji sabiex ikun hemm provvista ta’ ilma mit-tank taghhom, izda li ma jrendu bla ebda mod xi dritt ta’ pussess jew ta’ animo dominii kif qieghdin jikkontendu l-atturi, u li ghalhekk bla ebda mod gie kommess xi spoll, stante l-fatt li l-atturi stess kienu accettaw dan mal-konjugi Raymond u Giuseppa sive Joyce Bonello;

“3. Illi bla pregudizzju ghat-tieni eccezzjoni dan ix-xoghol.”

**5.** Rat l-atti processwali kollha, inkluz il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Gunju 2011 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza quddiem l-ewwel Qorti fuq talba tal-atturi wara li l-konvenuti ghat-tieni darba ma dehrux ghas-seduta biex ikomplu jressqu l-provi.

**Is-sentenza appellata**

**6.** Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, ghas-sentenza taghha tat-22 ta' Lulju 2011 kienu s-segwenti:

> "Illi kif jidher car mic-citazzjoni din hija kawza ta' spoll. L-atturi qed isostnu illi l-konvenuti ghamlu xoghlijiet konsistenti fi tqaccit tal-komunikazzjonijiet tal-ilma ghat-tank tal-atturi u ghaddew kanen minn ma' hajt li jaghti fuq il-proprjeta' tal-atturi. Kif hu maghruf huma tlieta l-elementi rikjesti biex azzjoni ta' spoll tirnexxi, u cjoe':
>
> "1. Il-pussess;
>
> "2. L-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-mohbi jew kontra l-volonta tal-attur; u
>
> "3. Li l-azzjoni ssir fi zmien xahrejn minn meta jkun sehh l-ispoll.
>
> "Illi l-konvenut qed jeccepixxi li l-kawza giet proposta wara t-terminu msemmi ta' xahrejn u li huma kellhom jaghmlu aggustamenti temporanji biex ikun hemm provvista ta' ilma mit-tank taghhom u li ma giex kommess spoll.
>
> "Illi fil-fehma tal-Qorti il-kwistjoni principali f'din il-kawza hija jekk l-atturi pproponew il-kawza *entro* t-terminu. Il-Qorti ma hijiex se tiddeciedi dwar il-

kwezit petitorju (illi ndubbjament dejjem ikun hemm bzonn kbir li jigi rizolt bejn il-partijiet ghal ragunijiet li huma evidenti) ghaliex quddiemha ghandha biss il-kwistjoni possessorja. Qed jinghad dan ukoll ghaliex hafna mill-kontenut tat-tieni paragrafu tar-risposta tal-konvenuti huwa ta' natura petitorja.

"Illi fis-sentenza "**Delia vs. Schembri**" (Prim'Awla – 4 ta' Frar 1958) gie ritenut illi:

> ""*L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipprotegi l-pussess, ikun x'ikun… li jigi vjolentement jew okkultament mehuda minghand il-possessur jew detentur u gie deciz kemm-il darba li tapplika wkoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet legali u hija inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita privata… jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih ma jistghax jezercitah minghajr intervent tal-Qorti*."

"Illi fi kliem **Pacifici Mazzoni** spoll vjolent huwa "*qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato*". (Vol III Sez. 52)

"Illi kif gie ritenut fil-kawza "**Margherita Fenech vs Pawla Zammit**" deciza fit-12 ta' April 1958:

> ""*L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut ta' gustizzja hija eminentement intiza l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat li jiehu l-ligi f'idejh; b'mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat*."

"Fejn inghad ukoll illi:

> ""*Kif kellha okkazjoni tesprimi ruhha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indagini li trid issir hija wahda limitatissima, rigoruza u skarna u ma tinsab f'ebda legizlazzjoni ohra u kompliet tghid illi ghalhekk indaginijiet ibbazati fuq x'jghidu u ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani huma ghal kollox*

*irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna* – **Appell Civili – "Cardona vs. Tabone**" – deciza fid-9 ta' Marzu 1992).

"Illi l-Qorti jidhrilha li ma hemmx dubju li l-attur kellu l-pussess rikjest mill-ligi; u li dan l-istat ta' fatt gie mibdul mill-konvenuti. Dawn ma ressqu ebda provi konvincenti biex jirribattu l-provi li ressqu l-atturi fir-rigward. Jirrizulta wkoll mill-provi li l-ispoll gie kommess fl-24 ta' Lulju 2011 u kwindi l-ewwel eccezzjoni fuq imsemmija ma treggix. L-ittra esebita minnhom a fol 47 ma hijiex rilevanti ghall-kaz.

"**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet kollha attrici u tipprefiggi terminu ta' xahar ghall-fini tat-tieni talba.**

"**Il-Qorti qed tinnomina lill-A.I.C. Robert Musumeci bhala espert tekniku li f'kull kaz ghandu jissorvelja x-xoghlijiet necessarji.**

"**Spejjez tal-kawza jkunu a kariku tal-konvenuti.**"

**<u>Rikors tal-Appell tal-konvenuti</u>**

**7.** Il-konvenuti appellanti hassew ruhhom aggravati bis-sentenza appellata u b'rikors tal-11 ta' Awwissu 2011 talbu li ghar-ragunijiet minnhom moghtija din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tirrinvija l-process lill-

ewwel Qorti sabiex il-konvenuti jkollhom l-opportunita` jkomplu jaghlqu l-provi taghhom, bl-ispejjez kontra l-atturi appellati.

**8.** L-uniku aggravju li ressqu l-konvenuti appellanti jikkonsisti fil-fatt li allegatament gew imcahhda mid-dritt ghas-smiegh xieraq quddiem l-ewwel Qorti u dan, b'mod partikolari, minhabba l-fatt li l-ewwel Qorti allegatament ma tathomx opportunita` adegwata li jressqu l-provi taghhom fi zmien ragjonevoli u permezz tal-verbal taghha tas-27 ta' Gunju 2011, minghajr ma avzat lill-konvenuti appellanti bl-ebda mod dwar dan, qabdet u halliet il-kawza ghas-sentenza. Il-konvenuti appellanti ghalhekk isostnu illi fil-proceduri quddiem l-ewwel Qorti nkiser wiehed mill-principji tal-gustizzja naturali li huwa kopert bl-Artikolu 6 tal-ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u cioè dak ta' '*audi alteram partem,*' tenut kont tal-fatt li l-konvenuti appellanti ma kellhomx l-opportunita` li jipprezentaw l-*affidavits* "ta' Gilbert Spiteri u ta' Charles Spiteri" li xtaqu jipprezentaw u jtellghu lil Raymond Bonello bhala xhud taghhom.

**Risposta tal-appell tal-atturi appellati**

**9.** B'risposta tas-16 ta' Mejju 2014 l-atturi appellati Edwin Zarb u martu Emanuela sive Lilian Zarb isostnu illi l-appell intavolat mill-konvenuti appellanti ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti u li s-sentenza appellata ghandha tigi kkonfermata minn din il-Qorti.

**10.** Fil-qosor, l-atturi appellati jsostnu li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u illi ma kien hemm l-ebda lezjoni tal-principju ta' *audi alteram partem* jew tad-dritt fundamentali tal-konvenuti appellanti ghal smiegh xieraq u dan ghaliex il-konvenuti appellanti nghataw l-opportunita` biex iressqu l-provi taghhom imma kienu huma li ripetutament naqsu li jidhru fis-seduti koncernati minghajr ma talbu l-ebda differiment. L-atturi appellati jzidu illi l-konvenuti appellanti lanqas ma talbu s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza wara li l-ewwel Qorti ddifferiet il-kawza ghas-sentenza.

**11.** Skont l-atturi appellati, peress illi fir-risposta guramentata taghhom il-konvenuti appellanti kienu ammettew bil-gurament li huma caqalqu l-komunikazzjoni tat-tank tal-ilma u l-istess tank tal-ilma, din il-Qorti ghandha tapplika l-istess principju li applikat il-Qorti fis-sentenza moghtija fit-30 ta' Dicembru 1994 fl-ismijiet **Joan Spiteri v. Dr. Godfrey Gauci Maistre**. L-atturi appellati sostnew ukoll illi l-apprezzament tal-fatti tal-ewwel Qorti ma ghandux normalment jigi ddisturbat minn Qorti ta' kompetenza superjuri hlief f'dawk il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali illi jikkonvincu lill-Qorti ta' revizjoni illi l-apprezzament tal-ewwel Qorti kien tant zbaljat illi jekk ma jigix disturbat tigi kkrejata ingustizzja. Skont l-atturi appellati, dan mhuwiex il-kaz hawnhekk.

**<u>Verbal tat-30 ta' Gunju 2014</u>**

**12.** Permezz ta' verbal tat-30 ta' Gunju 2014, din il-Qorti laqghet it-talba tal-atturi appellati biex jigu allaccjati mal-atti ta' din il-kawza l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni inkwistjoni u dan sabiex taghmel il-prova li fil-mori tal-proceduri fl-ewwel istanza Gilbert Spiteri ttrasferixxa n-nofs indiviz tal-fond inkwistjoni lil Chantelle Testa li ghalhekk illum hija l-unika proprjetarja tal-fond inkwistjoni. Konsegwentement din il-Qorti fl-istess data laqghet ukoll it-talba tal-konvenuti appellanti li jigu awtorizzati li jesebixxu kopja tal-kuntratt relattiv fl-atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono datat 8 ta' Novembru 2012 li effettivament hekk esibit *seduta stante*.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

**13.** L-uniku aggravju li ressqu l-konvenuti appellanti f'dan l-appell huwa illi quddiem l-ewwel Qorti fil-konfront taghhom gie lez il-principju ta' gustizzja naturali ta' *audi alteram partem* minhabba l-fatt illi fis-27 ta' Gunju 2011, l-ewwel Qorti ddiferiet il-kawza ghas-sentenza minghajr ma avzat lill-konvenuti appellanti bl-ebda mod u minghajr ma tat opportunita` adegwata lill-konvenuti appellanti biex iressqu x-xhieda li xtaqu jressqu.

*<u>Fatti kif sehhew quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti</u>*

**14.** Din il-Qorti ser tibda billi telenka l-fatti kif sehhew quddiem l-ewwel Qorti:

- L-atturi appellati pprezentaw l-provi taghhom wara zewg seduti, u cioè wara s-seduti tal-10 ta' Jannar 2011 u tad-9 ta' Frar 2011. Huma ghalqu l-provi taghhom fit-tieni seduta tad-9 ta' Frar 2011.

- Il-konvenuti appellanti kellhom jipprezentaw il-provi taghhom fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2011 imma dakinhar ma deher hadd minnhom, ma talbux differiment u skont il-verbal tal-ewwel Qorti, il-kawza giet "*differita ghall-ahhar darba ghall-provi tal-konvenuti ghat-2 ta' Mejju 2011, fl-10.00 am*"[1]. Fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2011 sar il-kontro-ezami tal-attur Edwin Zarb mill-avukat tal-konvenuti appellanti. Il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni tal-provi tal-konvenuti appellanti ghas-27 ta' Gunju 2011 fl-11.00 am u l-istess konvenuti appellanti regghu ma deherux u lanqas ma talbu differiment. Konsegwentement, l-ewwel Qorti fil-verbal taghha tas-27 ta' Gunju 2011 ipprovdiet illi "*in vista tal-verbali precedenti, fuq talba ta' l-atturi l-Qorti thalli l-kawza ghas-sentenza ghat-22 ta' Lulju 2011, fl-9.45 am*." [2]

*Il-Principju ta' Audi Alteram Partem*

**15.** Il-principju ta' *audi alteram partem* huwa principju tant fundamentali li huwa meqjus bhala wiehed ta' gustizzja naturali u ghalhekk implicitu f'kull procediment li fih trid tigi amministrata l-gustizzja. Dan il-principju jimplika li ebda persuna ma ghandha tigi ggudikata minghajr ma tinghata opportunita` xierqa li tipproduci x-xhieda taghha u twiegeb ghall-evidenza prodotta mill-parti kuntrarja.

L-applikazzjoni ta' dan il-principju ghall-fatti konkreti ta' kaz jiddependi hafna min-natura tal-kaz li jkun qed jigi mistharreg. Kif ritenut mill-Qrati Maltin, id-dritt tas-smiegh xieraq moghti lill-partijiet f'kawza jrid jinghata fit-termini tar-regoli tal-ligijiet procedurali li qeghdin hemm sabiex appuntu jassiguraw il-principju ta' *audi alteram partem* izda wkoll sabiex jassiguraw id-dritt fundamentali ta'

[1] Fol 45 tal-process.
[2] Fol 60 tal-process.

kull litigant ghal process fi zmien ragjonevoli. Jekk dawn ir-regoli ta’ procedura jigu injorati minn xi parti f’kawza l-konsegwenzi li jirrizultaw *imputet sibi* u mhumiex konsegwenza ta’ xi ksur tal-principju *audi alteram partem* jew tad-dritt ghas-smiegh xieraq. [3] Parti ma tistax l-ewwel ma tosservax ir-regoli ta’ procedura u wara tilmenta li d-dritt taghha ghas-smiegh xieraq gie miksur[4].

**16.** Mhuwiex nuqqas meta Qorti tghaddi ghas-sentenza f’kawza fejn il-parti turi *non-kuranza* u ma tidhirx biex iressaq il-provi taghha.[5] Il-principju ta’ *audi alteram partem* ma jfissirx bilfors li l-provi tal-parti inkwistjoni jridu jinstemghu, izda li l-parti tinghata l-opportunita` li tressaq il-provi.[6] F’kull kaz, il-Qorti tara x’ikun fl-ahjar interess tal-gustizzja li jsir.

**17.** Kif ben qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Joseph Falzon v. Anthony Debono nomine** fit-13 ta’ Jannar 1975:

> “*Il-principju tal-audi alteram partem ma jimportax illi f’gudizzju huwa mprexxindibilment necessarju u assolutament essenzjali illi l-provi tal-konvenut effettivament jinstemghu imma biss illi tinghata lilu d-debita* ***opportunita’*** *li huwa jipproducihom. Kieku kien diversament u cioe’ kieku ma setghetx taht l-ebda cirkostanzi tinghata sentenza hlief wara s-smiegh tal-provi tal-konvenut, dan kien ikun jista’ jostakola u jimpedixxi d-definizzjoni ta’ kawza billi jibqa’ passiv jew jipprokrastina indefinittivament*.
>
> *“Ghall-finijiet procedurali hemm diversita’ kbira bejn il-kaz fejn ma jinstemghux il-provi tal-konvenut minhabba cahda tad-debita opportunita’ bhal meta jigi ingustament rifjutat is-smiegh ta’ provi legittimi offerti minnu, jew meta l-proceduri inizjati kontra tieghu jigu prosegwiti minghajr ma jkun gie notifikat bihom, u ad insaputa tieghu, u bejn il-kaz, fejn minhabba nuqqas*

---

[3] Ara s-sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta’ Gunju 1997 fl-ismijiet **Farrugia v. Wismayer.**

[4] P.A. (Kost) **Anthony Mintoff v. Avukat Generali et**, 7 ta’ Lulju 2004

[5] Ara s-sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta’ Jannar 1975 fl-ismijiet **Falzon v. Debono** u dik deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta’ Mejju 2003 fl-ismijiet **Pantalleresco v. Starbrite Cleaners.**

[6] Ara s-sentenza deciza mill-Qorti fit-23 ta’ Novembru 2001 fl-ismijiet **Camilleri noe v. Players Coaches Complaints Board tal-Malta Football Association.**

*tieghu stess, jibqa' ma jgibx 'il quddiem il-provi tieghu meta tkun giet moghtija lilu kull opportunita` li jgibhom. F'dan l-ahhar kaz "imputet sibi".*"[7]

**18.** Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Dicembru 2001 fl-ismijiet **Vassallo v. Bondin** din l-istess Qorti spjegat l-implikazzjonijiet ta' dan il-principju:

"*M'hemmx ghalfejn jinghad wisq dwar l-import tal-principju 'audi alteram partem' fis-sens illi **dan ma kienx jimporta illi l-parti in kawza setghet tabbuza bil-process gudizzjarju u taghzel li tinjora d-direttivi tal-Qorti fil-kondotta tal-process.** Kien principju li jobbliga lill-parti ghall-kuntrarju illi ssegwi 'ad ungwem' r-regoli procedurali kemm dawk statutorji kif ukoll dawk moghtija mill-gudikant ghall-ahjar prosegwiment tal-process. Jekk wiehed jaghzel li jinjora dawn ir-regoli jaghmel dan a riskju tieghu*."[8]

*Applikazzjoni tal-Principji ghall-Fatti tal-Kaz*

**19.** Mill-fatti ri-epilogati[9] jidher car illi kien hemm nuqqas ta' attendenza kemm tal-konvenuti appellanti kif ukoll tal-avukat taghhom fil-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, b'mod partikolari fiz-zmien meta l-kawza kienet imhollija ghall-provi tal-istess konvenuti appellanti. Ma hemm xejn x'jindika li dan in-nuqqas ma sarx volutament anzi kollox jindika li kien bla ebda raguni

---

[7] Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet **Martin Aquilina ezercenti l-kummerc taht l-isem Handkrafts v. Christopher Friggieri** moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Ottubru 2003, is-sentenza fl-ismijiet **Peter Paul Muscat v. Mario Muscat et** moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fil-21 ta' Jannar 2010, is-sentenza fl-ismijiet **Doris Camilleri v. Cettina Scerri** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar 2004, is-sentenza fl-ismijiet **Joseph Galea v. Sandra Vassallo** moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar 2001 u s-sentenza fl-ismijiet **Dr. David Camilleri pro et noe v. Players' Coaches Complaints Board tal-Malta Football Association u l-Malta Football Association** moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Novembru 2001.

[8] Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet **Joseph u Marika konjugi Vassallo v. Anthony u Rita konjugi Bondin** li nghatat mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Dicembru 2001.

[9] para. 14 *supra*

jew skuzanti legalment accettabli. Jidher ukoll illi minkejja illi l-konvenuti appellanti naqsu li jidhru fis-seduti meta kien imisshom igibu l-provi taghhom huma lanqas il-kortesija li jaghtu xi raguni biex jiggustifikaw l-assenza taghhom ma dehrilhom li kien necessarju u anqas indenjaw ruhhom jitolbu differiment u dan minkejja l-verbal tal-ewwel Qorti tal-21 ta' Marzu 2011 fejn l-istess Qorti kienet wissiet lill-konvenuti appellanti illi peress li hadd minnhom ma kien deher ghas-seduta ta' dakinhar, il-kawza kienet qed tigi differita ghall-ahhar darba ghall-provi taghhom ghat-2 ta' Mejju 2011 fl-10.00 am. Dan l-atteggjament tal-konvenuti appellanti, apparti li kien jirrazenta d-disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti, kien kjarament ghal kollox negattiv u auto-leziv.

**20.** Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz din il-Qorti hija tal-fehma illi l-konvenuti appellanti nghataw l-opportunita` biex itellghu l-provi taghhom quddiem l-ewwel Qorti izda huma ghazlu li ma jehduhiex. Fil-fatt kien b'nuqqas taghhom stess li l-kawza giet differita ghas-sentenza u li konsegwentement ma ressqux x-xhieda taghhom. Dan jidher bic-car mill-verbali tal-ewwel Qorti tal-21 ta' Marzu 2011 u tas-27 ta' Gunju 2011 li juru li d-decizjoni tal-istess Qorti li l-kawza tithalla ghas-sentenza kienet msejsa fuq ezami tal-atti processwali u "*in vista tal-verbali precedenti, fuq talba tal-atturi*".

**21.** Ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmijin, meta l-ewwel Qorti ddiferiet il-kawza ghas-sentenza hija pprocediet skont il-ligi u mhux b'mod arbitrarju jew kapriccozament. Sinjifikanti wkoll li l-konvenuti appellanti anqas biss segwew x'gara fis-seduta sabiex ikunu jistghu jirregolaw ruhhom u di fatti ma ghamlu

ebda talba lill-ewwel Qorti ghall-prolazzjoni tas-sentenza wara li jispjegaw l-assenza taghhom. Ghazlu l-inerzja flok id-diligenza biex issa jilmentaw minn nuqqas ta' *audi alteram partem*. Dan kjarament ma hux tollerabbli. Il-pregudizzju li setghu garrbu l-konvenuti ghal kollox '*self-inflicted*.'[10]

**22.** Barra minn hekk, kif accentwat il-Qorti fis-sentenza moghtija fit-23 ta' Ottubru 1998 fl-ismijiet **Mariano Farrugia et nomine v. Peter Paul Cutajar:**

> "*Din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala* ***azzjoni rapida u effikaci*** *ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba 'stat ta' fatt' arbitrarjament u hija ntiza unikament biex iggieghel lill-konvenut li jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha u daqshekk biss…*"

**23.** L-*actio spolii* titqies bhala azzjoni rapida u effikaci minhabba l-fatt li hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita` socjali milli fuq il-principju assolut tal-gustizzja, u hija eminentement intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jigi impedut li c-cittadin privat jiehu l-gustizzja f'idejh, b'mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat celerament l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat.

**24.** Din il-Qorti ghalhekk ma ssib assolutament xejn x'ticcensura fil-mod kif l-ewwel Qorti ggestiet il-kawza, anzi jidhrilha li dan l-appell gie interpost

[10] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Doris Camilleri v. Cettina Scerri** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar 2004 u s-sentenza fl-ismijiet **Romina Vella v. Ronald Cachia (Phoenicia Laundry & Dry Cleaning** moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' April 2001.

inutilment u jimmerita li jigi sanzjonat skont il-ligi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12 inkwantu tirritjenieh appell fieragh u vessatorju.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, din il-Qorti tichad l-appell tal-konvenuti appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti u peress li hija tal-fehma li l-appell kien wiehed fieragh u vessatorju b'applikazzjoni tal-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-konvenuti appellanti li jhallsu lill-atturi appellati l-ispejjez gudizzjarji ghal darbtejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------